# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLEF**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001**

**Numru 20**

**Cit. Nru. 1429/98 GC**

**Salvina Mifsud proprio et nomine**

**vs**

**Jesmond Mifsud**

**Id-digriet appellat**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-16 ta' Novembru, 1999, iddekretat is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Salvina Mifsud proprio et nomine fejn gie premess:

1. Illi hija fethet il-kawza ta' separazzjoni personali kontra zewgha fl-1 ta' Lulju, 1998 fejn fost ohrajn talbet li tkun awtorizzata tghix wahedha ma' uliedha – ad eskluzzjoni tal-konvenut zewgha – fid-dar matrimonjali;

2. Illi sallum din il-kawza ghadha mhix appuntata;

3. Illi zewgha qed igib ruhu hazin hafna tant li b'sens ta' vendikazzjoni wara l-prezentata tal-kawza kisser it-telefon b'mod li ma setghax jintuza aktar, ta bis-sieq u ghamel hsara fil-magna tal-hasil li kienet ghadha kif inxtrat fil-31 ta' Awissu, 1998, kif jidher mir-ricevuti hawn annessi u markati Dok A –A1 esebiti 'animo ritirandi', kisser ukoll affarijiet ohra bhal stanjata, hgieg u figorin, u llum zewgha qed jigi biss id-dar tard bil-lejl, biex jinhasel u jorqod;

4. Illi sadanittant huwa lanqas qed ihallas il-manteniment li s - Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet ordnatlu jhallsu tant li l-esponenti ma kellhiex minn fejn thallas il-kont ta' l-ilma u l-elettriku u l-Korporazzjoni EneMalta heddet li tinqata' l-provvista ta' l-elettriku kif jidher mill-kopja ta' l-ittra tal-25 ta' Settembru, 1998 hawn annessa u markata Dok B esebita 'animo ritirandi';

5. Illi sfortunatament meta r-rikorrenti – dakinhar patrocinata minn avukat iehor – talbet l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla biex tipprezenta l-kawza fuq imsemmija – u ghal liema seduta zewgha lanqas indenja ruhu jattendi – ma saritx it-talba biex minn dakinhar stess zewgha jkun ordnat jghix barra mid-dar biz-zwieg;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet, billi issa l-hajja taht l-istess saqaf, anki fil-pendenza ta' l-istess kawza, saret insopportabbli minhabba l-agir ta' zewgha, li jigi ordnat li l-esponenti – li ncidentalment hija ammessa ghall-beneficcju tal-patrocinju gratwitu – flimkien ma' uliedha biss, u cioe' ad eskluzzjoni ta' zewgha, tkun awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali;

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn gie sottomess:

1. Illi preliminarjament jinghad illi r-rikorrenti qeghda tibbaza t-talba taghha fuq proceduri li l-esponenti assolutament ma kienx jaf bihom. Di fatti kif jirrizulta manifestament min-notifika Dok A, ir-rikors ghas-separazzjoni pprezentat mir-rikorrenti martu fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili gie accettat minn ibnu Rosmar Mifsud li ma ghaddiehx lill-esponenti fuq struzzjonijiet tar-rikorrenti. Ovvjament stante li l-esponenti ma kienx jaf bil-

proceduri li kienu qed isiru minn martu minn wara dahru, huwa naqas li jidher biex jiddefendi l-kaz tieghu, u l-Qorti tat id-digriet taghha kif jirrizulta mill-istess Dok A. Sussegwentement ir-rikorrenti pprezentat ic-citazzjoni fl-ismijiet premessi li a bazi taghha hija ghamlet ir-rikors odjern. Pero' l-esponenti jissottometti bir-rispettli huwa qieghed jikkontesta l-validita' ta' tali proceduri stante li gie lilu vjolat il-principju baziku ta' audi at alteram partem;

2. Illi fil-meritu l-esponenti jichad kategorikament l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti. Fil-fatt hija r-rikorrenti stess li bi dritt, li tippretendi li ghandha, qeghdha tizvojta l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali;

3. Illi inoltre r-rikorrenti hija persuna ta' natura vjolenti tant li madwar tlett xhur ilu hija attakkat lill-esponenti u waqt li kien qed jiekol tatu daqqa ta' mus f'geddumu b'mod li kkagunatlu sfregju f'wiccu. Dwar dan il-kaz ir-rikorrenti nstabet hatja mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Vide Dok B);

4. Illi ghar-rigward l-allegazzjoni li l-esponenti m'huwiex qieghed jghaddi manteniment lir-rikorrent martu jinghad li l-esponenti huwa dizokkupat. Da parti taghha, ir-rikorrenti tahdem bhala fattiga ma' diversi persuni mit-Tnejn sas-Sibt u di fatti tohrog mid-dar kull jum fis-6.30 a.m. u tigi lura fl-4.00 p.m. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha salarju indipendenti ghaliha u zgur li ma tiddependix fuq xi manteniment li jista' jghaddilha l-esponenti kemm-il darba jkun f'impjieg;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rikorrenti u x-xhieda minnha prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1999;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti taghmel riferenza ghall-proceduri pendenti ta' separazzjoni personali bejnha u r-ragel taghha, u qed titlob li, fil-pendenza ta' dawk il-proceduri, tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni tar-ragel taghha, cioe' l-intimat Jesmond Mifsud. Fir-rikors ir-rikorrenti tallega li zewgha qed igib ruhu hazin hafna fil-konfront taghha u diversi drabi kisser oggetti fid-dar konjugali u kkaguna hsarat. Hija tallega ukoll li zewgha jirritorna tard bil-lejl fis-sakra u li huwa mhux qed ihallas il-manteniment kif ordnat li jaghmel;

Fir-risposta tieghu, l-intimat isostni li l-imsemmi proċediment ghas-separazzjoni hu vizjat stante li huwa ma giex regolarment notifikat bil-proceduri li sehhew quddiem is-Sekond'Awla u ghalhekk dak li sehh quddiem l-imsemmija Qorti qed jigi kontestat minnu. Fil-meritu l-intimat jichad l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti u jallega li r-rikorrenti hi vjolenti. Huwa jghid li huwa disokkupat u ghalhekk ma jistax ihallas il-manteniment;

L-artikolu 46 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi illi kull parti fi procediment ghas-separazzjoni personali tista' titlob li jigi deciz minn, jew il-mara jew ir-ragel, ghandu jibqa' joqghod fid-dar matrimonjali tul il-pendenza ta' l-istess procediment. Dawn il-provvedimenti ma jistabilixxu ebda kriterju ghar-rigward ta' din id-decizjoni. Hu necessarju, pero', li jkun hemm pendenti procediment ghas-separazzjoni. Difatti, fl-ewwel lok, l-intimat qed jissottometti illi ma jesistix tali procediment, stante li l-proceduri quddiem is-Sekond'Awla kienu vizjati billi huwa ma giex regolarment notifikat bl-istess proceduri;

Din is-sottomissjoni ta' l-intimat zgur li ma tistax tigi akkolta. F'dan ir-rikors ma jistax jigi deciz jekk l-atti quddiem is-Sekond'Awla kienux difettuzi jew le. Huwa zgur li hemm pendenti bejn il-partijiet proceduri ghas-separazzjoni personali u ma jistax jinghad li dawk il-proceduri huma nulli, sakemm ma tigix dikjarata u deciza, fil-proceduri opportuni, l-irregolarita' jew l-invalidita' ta' dawk l-istess proceduri;

Sabiex tigi akkolta it-talba in kwistjoni ghandu jirrizulta illi, fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, hu opportun li r-ragel jigi mgieghel ma joqghodx fid-dar matrimonjali. Ghandhom ukoll jirrizultaw ragunijiet validi ghaliex ir-ragel ma ghandux jibqa' jabita fl-istess dar matrimonjali;

Mill-provi jirrizulta illi sehhew varji incidenti bejn il-partijiet, liema incidenti pprovokaw rapporti maghmula fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq. Kien hemm uhud minn dawn ir-rapporti li zviluppaw fi proceduri penali kontra r-rikorrenti jew l-intimat. Dawn l-incidenti jittrattaw argumenti, glied u hsarat volontarji fid-dar matrimonjali. Kienu wkoll jittrattaw dwar offizi hfief kagunati fuq il-persuna ta' l-intimat. Jirrizulta li dawn l-incidenti saru aktar spissi f'dawn l-ahhar zminijiet;

Ir-rikorrent xehdet li zewgha, l-intimat, jahdem bhala xufier. Fir-risposta tieghu l-istess intimat isostni li huwa mhux qed jahdem u ghalhekk mhux qed ihallas il-manteniment. L-intimat pero'

naqas li jixhed u naqas ukoll li jipproduci provi dwar dak li huwa sostna fl-imsemmija risposta. Ghalhekk ma tirrizulta l-ebda raguni valida ghala huwa mhux qed ihallas il-manteniment, la tal-mara u lanqas ta' l-ulied;

Inoltre r-rikorrenti kkonfermat illi r-ragel taghha qed jixrob hafna, jidhol lura d-dar tard u jkun fis-sakra. Kien hemm okkazzjonijiet meta huwa lanqas irritorna d-dar u possibilment qatta' l-lejl f'wiehed mit-tlett garages li ghandu mikrijin. L-istess rikorrenti inoltre kkonfermat li kien hemm ukoll okkazzjonijiet meta r-ragel taghha kkagunalha feriti;

F'dawn ic-cirkostanzi kollha jirrizulta sufficjentement illi hu opportun li l-intimat ma jibqax jabita fid-dar matrimonjali u inoltre jirrizultaw ragunijiet validi ghal dan. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tawtorizzaha li fil-pendenza tal-proceduri ghas-separazzjoni hija flimkien ma uliedha tibqa' toqghod u tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni ta' zewgha l-intimat;

Spejjez kollha kontra l-intimat".

## Appell

Il-konvenut Jesmond Mifsud appella minn dan id-digriet b'rikors ta' l-appellipprezentat fid-9 ta' Dicembru, 1999. In vista ta' l-eccezzjoni preliminari ma hemmx lok li din il-Qorti tirregistra l-motivazzjoni ta' dan l-appell.

**Tweġiba ta' l-attrici Salvina Mifsud proprio et nomine**

L-attrici rrispondiet ghar-rikors ta' l-appell b'zewg eccezzjonijiet preliminari, apparti l-kontestazzjoni taghha fil-mertu. L-ewwel eccezzjoni hi fis-sens li l-appell kien irritu u null billi, una volta si tratta ta' digriet li jaqa' taht l-artikolu 229 (3) tal-Kap 12, ma seta' jsir ebda appell qabel is-sentenza definittiva jekk mhux bil-permess specjali tal-Qorti li tkun qed tittratta l-kaz, liema permess f'dan il-kaz ma ntalabx. It-tieni eccezzjoni preliminari hi n-nullita' tar-rikors, inkwantu appell minn digriet kellu jsir fi zmien sitt ijiem mid-data tad-digriet jew fi zmien sitt ijiem minn meta l-Qorti tat il-permess specjali ghal dan l-appell. Fil-kaz prezenti d-digriet inghata fid-19 ta' Novembru, 1999, filwaqt li r-rikors kien prezentat fid-9 ta' Dicembru, 1999.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni preliminari li tidderimi l-kwistjoni kollha f'kaz li jigi stabbilit illi l-appell sar fuori termine. Kalkolu matematiku semplici juri li, indubbjament, ir-rikors ta' l-appell gie intavolat wara li kien skada t-terminu ta' sitt ijiem minn meta l-ewwel Qorti ddekretat seduta stante ir-rikors ta' l-20 ta' Novembru, 1998. Id-digriet appellat fil-fatt inghata fit-12 ta' Novembru, 1999, waqt li l-appell, kif inghad, gie intavolat fid-9 ta' Dicembru, 1999. L-irritwalita' tal-

procedura hi allura manifesta. Dan anke ghaliex hu car li dan ir-rikors hu maghmul u pprezentat fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni personali pendenti bejn il-kontendenti, u d-digriet huwa wiehed interlokutorju u mahsub biex jirregola temporanjament aspett mill-mertu taht ezami sa kemm il-kawza tigi finalment definita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara r-rikors ta' l-appell fuori termine u konsegwentement null u bla effett fil-ligi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom ikunu a kariku ta' l-appellant.

Dep/Reg

mm